MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 367/2014

**Spinola Developments Company Limited**
**C 331**

**Vs**

**Ivan Sedov u Nina Sedova**
**Passaport Russu 62No.4105123 u Passaport Russu 62No. 1926312**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta' Gunju, 2014 billi s-socjeta attrici qieghda titlob hlas fl-ammont komplessiv ta' elfejn tmien mija u wiehed u sittin ewro u sebgha u sittin centezmu (€2,861.67), kwantu ghas-somma ta ' mija u wiehed u sebghin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€171.24) rapprezentanti l-hlas dovut ghall-energija kkonsmat fl-appartament tal-konvenuti bin-numru 1673, fi hdan il-Portomaso Complex, Portomaso, San Giljan u debitament fatturat ghall-perjodu ta' bejn Marzu 2013 u Dicembru 2013 (vide Dok. 'A'), kwantu ghas-somma ta' hamsin ewro u hamsa u tletin centezmu (€50.35) rapprezentanti l-hlas dovut ghall-energija

kkonsmata fil-precitat apartament tal-konvenuti u debitament fatturat ghall-perjodu ta' bejn Jannar 2014 u Marzu 2014 (vide Dok. 'B') u kwantu ghas-somma ta' elfejn, sitt mija u erbghin ewro u tmien centezmi (€2,640.08) rapprezentanti l-prezz ta' common costs dovuti fir-rigward tal-appartament fuq imsemmi tal-konvenut ghas-snin 2012, 2013, 2014 hekk kif muri ahjar fl-anness Dok. 'C'.

Is-socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet bi tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-sommom precitati indikati fil-fuq imsemmija prospetti (Dokumenti 'A', 'B' u 'C') mid-dati tar-rispettivi fatturi sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-kawza odjerna, kontra l-konvenuti, bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta tat-13 ta' Marzu, 2015 u qas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tat-13 ta' Marzu, 2015 u filfatt il-konvenut naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici is-somma ta' elfejn tmien mija u wiehed u sittin ewro u sebgha u sittin centezmu (€2,861.67) bl-imghaxijiet bi tmienja fil-mija (8%), sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, ikunu a karigu tal- konvenuti.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------